**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**vs.**

*Omissis*
**Eleanor Tracy Agius**

Numru 589/2015

Illum 26 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

*Omissis*

**Eleanor Tracy Agius** neé Galdes, bint Charlie u Doris Mary neé Falzon, mizzewga lil Stiano Agius, imwielda l-Awstralja nhar il-25 ta' Lulju 1978, residenti 13, "St. Rita", Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 494793(M)

akkuzata talli nhar l-10 ta' Novembru 2007, u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew li tippromwovi, tikkostitwixxi jew tiffinanzja l-assocjazzjoni;

2. kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija, u ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

3. uzat, ittrasferiet il-pussess ta', baghtet jew ikkonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistat, irceviet, zammet, ittrasportat, ittrasmettiet, olterat, iddisponiet minn jew b'xi mod iehor innegozjat, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta' bil-hsieb li tahbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta' jew dak ir-rikavat u kienet taf jew kellha suspett li dawk il-flus jew

proprjeta' kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu gew miksuba jew ricevuti direttament jew indirettament bhala rizultat tal-ghemil ta' reat imsemmi fl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan *ai termini* tal-Artikolu 22(1C) tal-Kapitolu 101;

4. ghamlet atti ta' *money laundering* billi:

(a) ikkonvertiet jew ittrasferiet proprjeta' meta kienet taf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali;

(b) hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kienet taf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

(c) akkwistat proprjeta' meta kienet taf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat, direttament jew indirettament, minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

(d) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kienet taf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

(e) ittentat taghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija

*ai termini* tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti jew ikunu jmissu lill-imputata jew huma proprjeta' taghha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta), u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "DT 7" – *a fol.* 12) datat 11 ta' Novembru 2007 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 1146/07 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke.[1]

Rat illi, fis-17 ta' Jannar 2013, l-Avukat Generali pprezenta quddiem il-Qorti Kriminali Att ta' Akkuza bin-Numru 3/2013 fil-konfront ta' Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius (*a fol.* 1 ta' *Envelope Loose*).

Rat illi l-Avukat Generali pprezenta quddiem il-Qorti Kriminali Att ta' Akkuza bin-Numru 3/2013 <u>kif korrett</u> (skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 9 ta' Jannar 2014) fil-konfront ta' Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius (*a fol.* 92 *et seq.* ta' *Envelope Loose*).

[1] *A fol.* 290 *et seq.*.

Rat illi fis-26 ta' Jannar 2015 inghatat sentenza mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Stiano Agius (*a fol.* 149 *et seq.* ta' *Envelope Loose*), liema sentenza inghatat in segwitu ta' Rikors Kongunt tal-Avukat Generali u Stiano Agius (*a fol.* 147 ta' *Envelope Loose*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 222 ta' *Envelope Loose*) datat 4 ta' Gunju 2015 li permezz taghha bis-sahha ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) ordna li l-imputata Eleanor Tracy Agius tigi processata quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Rat illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 mizmuma quddiem il-Qorti Kriminali, l-imputata Eleanor Tracy Agius tat il-kunsens taghha biex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja (*a fol.* 224 ta' *Envelope Loose*).

Rat id-digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 1141b *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 1142), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat l-Assenjazzjoni ta' kawza wara Kontro-Ordni moghtija mill-Prim'Imhallef Silvio Camilleri, liema Assenjazzjoni hija datata 5 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 1151).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, lill-imputata Eleanor Tracy Agius tixhed minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 1167 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2018, id-depozizzjoni moghtija minn Stiano Agius (*a fol.* 1188 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' April 2018, is-sottomissjonijiet bil-fomm da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 1209 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni u li jikkoncernaw lill-imputata Eleanor Tracy Agius u dana *stante* li l-proceduri odjerni kienu originarjament ukoll kontra Stiano Agius (ir-ragel ta' Eleanor Tracy Agius).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Dennis Theuma** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega kif il-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Stiano Agius kellu jircievi ammont sostanzjali ta' droga go *envelope* u li b'hekk saret osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imsemmi Stiano Agius u martu l-imputata Eleanor Agius, liema residenza tinsab f'St. Rita, Nru. 13, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi. Spjega x'irrizulta minn filmat mehud minn PC 1220 C. Baldacchino fid-9 ta' Novembru 2007 waqt sessjoni ta' osservazzjoni, liema filmat gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "DT" (*a fol.* 1085). Jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-konjugi Agius gie elevat *envelope* tal-karti ta' kulur kannella fl-isfar li kellu xi *tape* mieghu u li kien jidher ppakkjat b'sustanza. Jghid li dan l-*envelope* gie elevat minn go kexxun fil-mejda tal-kamra tal-ikel. Jixhed li mid-*dustbin* tal-kcina nstabu bicciet ta' *tape* u ta' karta simili ghall-karta ta' l-*envelope* misjub fil-kexxun fil-mejda. Jghid li fil-kexxun instabu wkoll diversi *bullets* go vazett u kif ukoll mizien elettroniku forma ta' mgharfa kuccarun kbir. Jixhed li mill-kcina gew elevati ammont ta' eluf ta' liri madwar Lm15,000 (f'mazez ta' Lm1,000 il-wiehed) u li minn go *safe* mohbi taht soll ta' tieqa li tigi ezattament barra l-*main bedroom* tal-konjugi Agius gew elevati ammont iehor sostanzjali ta' flus kontanti f'mazez ta' madwar Lm1,000 il-wiehed. Jghid li l-ammont totali ta' flus misjub fil-kcina u fis-*safe* kien ta' madwar Lm33,000. Jghid li gew elevati wkoll, fost l-ohrajn, diversi affarijiet ta' deheb u hagar prezzjuz. Jghid li nftehet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke. Jispjega li minn go *cash deposit box* tal-metall misjuba fil-kamra tas-sodda nstabet karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) li

kienet tidher li hija falza. Jixhed li meta acceda fuq il-post in kwistjoni sab lill-membri tad-*Drug Squad* jaghmlu tfittxija. Jghid li ta twissija lil Stiano Agius li kellu dritt li ma jghid xejn u ma jwiegeb ghall-ebda domanda u li dak kollu li seta' jghid setgha jingieb bi prova fil-konfront tieghu. Jghid li ta l-istess twissija lil Eleanor Agius. Jixhed li l-konjugi Agius gew interrogati fejn filwaqt li Stiano Agius irrilaxxa zewg stqarrijiet li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "SA 1" (*a fol.* 24 *et seq.*)u Dok. "SA 2" (*a fol.* 27 *et seq.*), l-imputata Agius irrilaxxat stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "EA" (*a fol.* 29 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 1157) ghad-domanda: *"[N]aqblu li c-cirkostanzi li waslu biex ittiehdu dawn il-proceduri kontra Eleanor kienu proprju l-filmat illi l-Pulizija ghandhom fil-pussess taghhom tar-ragel taghha Stiano Agius jghaddi pakkett lil Eleanor Agius?"* (*a fol.* 1157), wiegeb: *"Il-filmat plus il-flus misjuba fil-kcina, il-flus misjuba fis-safe fis-sular ta' fuq hdejn il-kamra tas-sodda tas-sinjuri, iva. Dawk"* (*a fol.* 1157).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-20 ta' Frar 2018 (*a fol.* 1197 *et seq.*), ikkonferma li flimkien mal-imputata Eleanor Tracy Agius kien tressaq ukoll zewgha Stiano Agius li ammetta u qed jiskonta piena. Ghad-domanda li l-unika cirkostanza li wasslet lill-Pulizija tressaq lil Eleanor Agius kien il-filmat li kellu fil-pussess tieghu l-Pulizija, wiegeb: *"Ma naqbilx mieghek … kien element importanti l-filmat fejn hi qed tiehu pakkett minghand is-Sur Stiano Agius. Kien hemm elementi ohrajn bhal, per ezempju, il-flus misjuba fil-kcina li effettivament jigifieri fir-residenza taghha u tieghu, hemm elementi ohrajn li hi kellha access"* (*a fol.* 1197-1198). Mistoqsi jghid jekk ikkunsidrax il-fatt li filwaqt li Stiano Agius kellu negozju, Tracy Agius kienet f'impieg *full-time*, wiegeb: *"Tracy Eleanor Agius kellha impieg full-time f'xi fabbrika, Stiano Agius milli niftakar ma nafx kemm kellu impieg full-time"* (*a fol.* 1199). Jixhed li hu kkunsidra l-fatturi kollha u jikkonferma li l-imputata Agius kellha impieg u kellha *loan* u kienet tahdem regolarment. Jixhed: *"il-combination tal-affarijiet kollha nkluz il-flus misjuba fil-kcina, id-droga, l-allegat pakkett mghoddi lilha, meta ghamilna l-assiem tal-provi kollha"* (*a fol.* 1199). Jghid li kien mar fil-fond personalment u li fil-hin li kienu qed isiru l-arresti Eleanor

Agius ma kinitx id-dar u li marret ftit wara. Jghid li minn ghalih li kienet Eleanor Agius li fethet is-*safe*. Fir-rigward tal-kexxun li ghamel riferenza ghalih Stiano Agius, jghid li dan il-kexxun ma jaghtix fil-ghajn. Ikkonferma li kienu nstabu wkoll xi skratacc u xi ghaxar liri Maltin (Lm10.00) falza u li dak il-hin stess Stiano Agius assuma r-responsabilita' taghhom. Mistoqsi jghid jekk jaqbilx li sa mill-bidu tal-investigazzjoni Stiano Agius ha r-responsabilita' ghalkemm ma' kienx ammetta mill-bidu, wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma li filwaqt li Stiano Agius kien familjari mal-Pulizija, fir-rigward ta' Eleanor Agius jidhirlu li la qabel u anqas wara l-akkadut mertu tal-proceduri odjerni ma kienet familjari maghhom.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Il-Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali biex jaghmel pjanta tal-post u jissorvelja dak kollu li kien qed jigi elevat bhala oggetti ta' valur u flus. Ghamel elenku u inventarju tal-flus kollha f'relazzjoni mhejjija minnu li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RA" (*a fol.* 34 *et seq.*).

Il-**Perit Richard Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' April 2008 (*a fol.* 425 *et seq.*) fejn spjega li fost l-affarijiet li eleva fl-10 ta' Novembru 2007 minn gol-fond St. Rita, Triq G. Spiteri Fremond, Qormi kien hemm karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 427 *et seq.*).

Il-**Perit Richard Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Awwissu 2011 (*a fol.* 1058 *et seq.*) fejn qal li fuq ordni tal-Qorti kienu marru l-Bank Centrali ta' Malta u l-flus kollha li kien hemm nghaddew kemm manwalment kif ukoll bil-magna u gew konvertiti f'Euro. Ezebixxa rapport in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 1060 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 52 *et seq.*). F'dan ir-rapport, ix-Xjenzat Sammut jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"(a) Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 655_07_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 1153 grammi. L-purita' tat-trab ta' lewn abjad li hemm fil-borza mmarkata "225" kien ta' cirka 60% filwaqt li l-purita' tat-trab ta' lewn abjad li hemm fil-borza mmarkata "82" kien ta' cirka 40%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*[2]

*(b) Illi fuq swab mehuda mill-mizien forma ta' mgharfa li hemm fid-dokument 655_07_01 instabet is-sustanza Kokaina.*

*(c) Illi fuq swab mehuda mill-mizien li hemm fid-dokument 655_07_02 ma nstabetx droga".*

Ix-**Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2010 (*a fol.* 869 *et seq.*) fejn spjega li l-valur tad-droga kien dak ta' €87,628 u dana peress li kien hemm 1153 grammi kokajina. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 871 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **PC 10 Trevor Cassar Mallia** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn qal li fl-10 ta' Novembru 2007 waqt li Stiano Agius kien qed jirriversja fil-garaxx ma' huh go BMW bin-numru ta' registrazzjoni MR BIG *"mar fuqu PC 213 fejn qabad il-mobile u prova jaqla' l-battery tal-mobile"* (*a fol.* 72). Jghid li minn tfittxija li ghamel hu (PC 10) f'kexxun tal-mejda tal-kcina sab borza tal-plastik bi trab abjad suspettat kokajina. Jghid li kien hemm ukoll bott trasparenti, munizzjon, *bullets* u mgharfa hamra mizien. Jixhed li mal-mejda kien hemm bank fejn kien hemm basket tal-karti li kien mimli b'ammont konsidereveoli ta' flus. Jghid li minn *dustbin* tal-kcina gie elevat *wrapping* tal-plastik ta' *tape* kannella u li f'*safe* li nstab fuq, li nfetah minn mart Stiano Agius, instabu ammont ta' flus u ammont ta' deheb.

[2] Waqt id-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 49 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut jispecifika li l-purita' tal-pakkett ta' lewn abjad u li l-piz tieghu kien ta' 1005 gramma kien ta' 60%, filwaqt li l-purita' ta' trab ta' lewn abjad l-iehor li kien fil-borza tal-plastik kien ta' 40% u li l-piz tieghu kien ta' 148 grammi.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Christopher Darmanin** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn qal li filwaqt li Stiano Agius detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 418581(M) ma kellu l-ebda vettura registrata mad-direttorat taghhom, qal ukoll li Eleanor Agius ghandha zewg vetturi registrati f'isimha: wahda bin-numru ta' registrazzjoni GIN 268 tal-ghamla RAV 4 ta' kulur abjad li kienet ilha registrata fuqha mill-4 ta' Ottubru 2007 u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni HBE 352 tal-ghamla BMW X5 ta' kulur *beige* li kienet ilha registrata fuqha mill-14 ta' Settembru 2007. Jghid li l-pjanci tal-vettura appena msemmija gew mibdula ghal MR BIG. Jixhed ukoll li vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBM 948 hija tal-ghamla Peugeot 406 u li ilha registrata mis-6 ta' Settembru 2007 f'isem Carmel Foca ghan-nom ta' Autozone Autodealer. Jghid li mill-4 ta' April 2007 sas-6 ta' Settembru 2007 kienet registrata f'isem Eleanor Tracy Agius. Ezebixxa d-dokumenti li xehed fuqhom li gew immarkati bhala Dok. "CD" (*a fol.* 77 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Philip Bonnici** (rapprezentant tal-ETC – *a fol.* 84 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "PB" (*a fol.* 87) u Dok. "PB 1" (*a fol.* 88 *et seq.*) *employment history* ta' Eleanor Agius (I.D. Nru. 494793(M)) u Stiano Agius (I.D. Nru. 418581(M)) rispettivament.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Rose Bajada** (rapprezentanta tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali – *a fol.* 90 *et seq.*)[3] fejn qalet x'kien qed jircievi Stiano Agius bhala *unemployment assistance* ghal perjodu partikolari. Ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "RB" (*a fol.* 92 *et seq.*). Tghid li Eleanor Agius ma tiehu l-ebda beneficcji mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Joseph Borg Cardona** (*Legal Office* – Bank of Valletta – *a fol.* 94 *et seq.*)[4] fejn xehed li minn ricerka li saret fuq Stiano Agius u Eleanor Agius sab tliet kontijiet: *savings account* fuq isem Stiano Agius b'bilanc ta' Lm409.28, kont *savings* fuq isem Eleanor Agius b'bilanc ta' Lm27.90,

[3] Giet ezentata biex tixhed taht id-*Data Protection Act* (*a fol.* 15).
[4] Gie ezentat mis-sigriet bankarju (*a fol.* 15).

u *consumer loan account* f'isem Eleanor Agius, liema kont huwa maghluq. Ezebixxa tliet dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JBC" (*a fol.* 97 *et seq.*), Dok. "JBC 1" (*a fol.* 106 *et seq.*), u Dok. "JBC 2" (*a fol.* 129 *et seq.*) rispettivament.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Audrey Ghigo** (rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc – *a fol.* 135 *et seq.*)[5] fejn xehdet li minn ricerka li saret fuq Stiano Agius u Eleanor Agius irrizultalha s-segwenti: l-ebda kont f'isem Stiano Agius, u fuq isem Eleanor Agius instabu: (a) *savings account* b'bilanc ta' 64cents sad-19 ta' Novembru 2007, (b) *home loan* ta' Lm29,700 ghal xiri ta' *maisonette* numru 13, Triq Spiteri Fremond, Qormi u kif ukoll (c) *VISA Card* fejn Stiano Agius kellu wkoll *supplementary card* fuq dan il-kont. Ezebiet zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AG" (*a fol.* 137 *et seq.*) u Dok. "AG 1" (*a fol.* 183 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Jeanette Lepre** (rapprezentanta ta' Lombard Bank Malta plc – *a fol.* 200 *et seq.*)[6] fejn xehdet li minn ricerka li saret fuq Stiano Agius u Eleanor Agius ma rrizultaw l-ebda kontijiet.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Maria Gatt** (rapprezentanta ta' APS Bank Limited – *a fol.* 202 *et seq.*)[7] fejn xehdet li minn ricerka li saret fuq Stiano Agius u Eleanor Agius ma rrizulta l-ebda kont.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **Connie Micallef** (rapprezentanta tal-*Inland Revenue – a fol.* 204 *et seq.*) fejn ezebiet *Income Tax Returns* ta' Stiano Agius mis-sena ta' stima 1999 sas-sena 2006 li gew immarkati bhala Dok. "CM" (*a fol.* 206 *et seq.*) u *Income Tax Returns* ta' Eleanor Agius mis-sena ta' stima 1995 sas-sena 2005 li gew immarkati bhala Dok. "CM 1" (*a fol.* 227 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Frederick Grixti** (rapprezentant ta' *Premier Car Centre – a fol.* 281 *et seq.*) fejn

---

[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*
[7] *Ibid.*

spjega li Stiano u Eleanor Agius xtraw vettura BMW X5 minn ghandhom f' Settembru 2006 ghall-prezz ta' Lm27,500. Jghid li kull ma thallas kien depozitu ta' Lm9,000 u li kien fadal bilanc ta' Lm19,000 u li l-vettura tinsab fuq Eleanor Agius bhala xerrej. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "FG" (*a fol.* 285 *et seq.*). Jghid li nxtrat ukoll Toyota RAV 4 pero jghid li ma ghandux dokumenti peress li ltaqghu fit-triq u gew mparta xi vetturi. Jghid li m'hemm l-ebda dejn fuq din il-vettura (Toyota).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, xehed **PC 1319 Matthew Xuereb** (*a fol.* 320 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Novembru 2007 ghall-habta tal-11.00am waqt li Stiano Agius kien flimkien ma' huh Charles Agius qed idahhal il-vettura fil-garaxx li ghandu mad-dar fi Triq G. Spiteri Fremond, Qormi, dahlu huma (il-Pulizija) u waqfuhom. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura u fil-garaxx ma rrizulta xejn. Jispjega li PC 10 fetah kexxun taht il-mejda tal-ikel fejn instab li kien hemm zewg boroz tal-plastik trasparenti b'xi trab abjad, mizien forma ta' kuccarina jew mgharfa kulur ahmar (elettroniku), vazett tal-hgieg trasparenti li kien fih xi munizzjon u xi boroz tal-plastik u xi flus Maltin u barranin. Jghid li fuq il-bank fejn tpoggi bil-qieghda ta' mad-dawra tal-mejda kien hemm basket tal-karti li kien fih ammont konsiderevoli ta' flus u xi zewg kaxxi bil-boroz tal-plastik trasparenti godda. Jghid li fiz-zibel instab *tape* kannella u bicciet tal-plastik imqattghin. Jghid li minn fuq il-bank tal-kcina gie elevat ukoll mizien ta' kulur griz. Jghid li wara li PC 213 nizel minn fuq, tah kaxxa tal-metall (lil PC 1319) biex jifthuha fejn fiha kien hemm ghaxar liri Maltin (Lm10.00) falza. Jghid li tfittxija li saret f'ghalqa gewwa Hal Farrug irrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci** (*a fol.* 323 *et seq.*) fejn spjegat li fl-10 ta' Novembru 2007 ghall-habta tal-11.00am kienet tinsab Hal-Qormi u waqt li Stiano Agius kien qed idahhal il-vettura tieghu fil-garaxx li jinsab mar-residenza tieghu, dahlet hi fil-garaxx. Tghid li baqghet tiela' fuq ticcekkja jekk kienx hemm xi nies gor-residenza u meta kkonfermat li ma kien hemm hadd, nizlet lura fil-garaxx u PC 213 ghaddielha zewg *mobile phones* ta' Stiano Agius u kif tlestiet it-

tfittxija fil-vettura, bdew tfittxija fir-residenza. Tghid li PC 10 fetah kexxun li jigi taht il-mejda fil-kcina fejn sab zewg boroz tal-plastik imdaqqsin mimlijin bi trab abjad. Tghid li kien hemm ammont ta' flus Maltin u barranin. Tixhed li kien hemm ukoll mgharfa tal-plastik hamra mizien u li minn fuq il-mejda tal-ikel gie elevat *mobile phone* u minn fuq bank fejn tpoggi bil-qieghda gie elevat basket tal-karti iswed li kien fih ammont sostanzjali ta' flus. Tghid li minn fuq il-bank tal-kcina gie elevat mizien iehor elettroniku u minn god-*dustbin* gew elevati bicciet ta' *tape* kannella u bicciet ta' plastik trasparenti. Tghid li wara marret fuq il-post Eleanor Agius u li minn fuqha gew elevati cwievet u *mobile phone*.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008, xehed **Bernard Zarb** (in rapprezentanza ta' *Lotteries and Gaming Authority – a fol.* 339 *et seq.*) fejn spjega li ma ghandhom xejn registrat li Stiano Agius u Eleanor Agius ghandhom xi permess partikolari biex jorganizzaw xi tip ta' loghob jew li huma impjegati f'xi *casino* jew bhala bejjiegha tal-lottu. Jghid li minn ezercizzju li ghamel fil-kapacita' tieghu ta' *Anti-Money Laundering Officer* talab informazzjoni lill-*casinos* u lill-Maltco rispettivament u ezebixxa erba' ittri li gew immarkati bhala Dok. "BZ" sa Dok. "BZ 4" (*a fol.* 342 *et seq.*). Jixhed: *"Jidher illi mill-informazzjoni fil-konfront kemm ta' Stiano Agius kif ukoll fil-konfront ta' Eleanor Agius hija kollha fin-negattiv jigifieri ma humiex membri ta' l-ebda casino licenzjat maghna filwaqt illi ma jidhirx li kienu xi hi-…. winners. Issa meta nghid hi-…. winners mal-Maltco, il-Maltco bhala Head Office jsarrfu certu rebh ta' certu ammont. Jigifieri jekk wiehed jirbah il-lottu u l-ammont ma jkunx daqshekk gholi jista' jissarraf f'xi banka jew xi point of sale tal-Maltco. F'dak il-kaz ma nafx kemm ikun hemm record taghhom. Dan jista' jikkonfermah ahjar rapprezentant tal-Maltco"* (*a fol.* 341).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2008, xehed ukoll **Emanuel Darmanin**[8] (*a fol.* 347 *et seq.*) fejn spjega li minn ricerka li saret fuq Stiano Agius u Eleanor Agius irrizulta li dawn iz-zewg persuni ma ghandhomx numru tal-VAT u mhumiex registrati mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

[8] Gie ezentat sabiex jixhed taht id-*Data Protection Act* (*a fol.* 335).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2008, xehed **Dr. Anthony Cutajar** (*a fol.* 382 *et seq.*) fejn spjega li gie mahtur biex jaghmel ricerka dwar l-assi u l-proprjeta' kollha mobbli jew immobbli li ghandhom l-imputati. Ezebixxa r-relazzjonijiet tieghu li gew immarkati bhala Dok. "SA" (*arch-lever file*) u Dok. "ETA" (*arch-lever file*).

**Dr. Anthony Cutajar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2010 (*a fol.* 810 *et seq.*) fejn qal li l-inkarigu moghti lilu kien gie estiz u dana anke fid-dawl ta' dak li nghad mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2009 (*a fol.* 805). Filwaqt li rritorna lura Dok. "SA" u Dok. "ETA", ipprezenta rapporti addizjonali redatti minnu li gew immarkati bhala Dok. "SA 1" (*a fol.* 825 *et seq.*) u Dok. "ETA 1" (*a fol.* 813 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2008, xehed ukoll l-i**Spettur Paul Vassallo** (*a fol.* 384 *et seq.*) fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn Stiano Agius u Eleanor Tracy Agius.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2008, xehed ukoll **Dr. Shazoo Ghaznavi** (in rapprezentanza ta' *Premier Car Hire – a fol.* 401 *et seq.*) fejn spjega li f'nofs Settembru 2007 saret tranzazzjoni fejn il-konjugi Agius kienu akkwistaw Toyota RAV 4 permezz ta' tpartit fejn *Premier Leasing* hadu zewg vetturi (Smart u Renault Megane). Jghid li meta r-RAV 4 inbieghet lill-konjugi Agius, il-valur taghha kien ta' cirka Lm8500. Jghid li ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni rigward din it-tranzazzjoni peress li kull ma kien hemm kien firem fuq il-*logbook* taz-zewg vetturi li hadu l-*Premier* u firma fuq wara tal-*logbook* tar-RAV 4. Jispjega li ma kien ghad fadal l-ebda bilanc x'jithallas.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2008, xehdu wkoll **PS 612 Theo Vella** u **PS 36 Sergio Azzopardi** (*a fol.* 433 *et seq.*) fejn ezebew ir-relazzjoni redatta minnhom li giet immarkata bhala Dok. "TV" (*a fol.* 435 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2008, xehed ukoll **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 447 *et seq.*) fejn qal li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel ezamijiet kimici ghal possibilita' ta'

impronti digitali fuq dokumenti moghtija lilu minn ghand ix-Xjenzat Godwin Sammut. Ezebixxa r-relazzjoni redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "PF" (*a fol.* 449 *et seq.*).

**PC 1525 Patrick Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 655 *et seq.*) fejn ezebixxa relazzjoni ohra tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PF" (*a fol.* 725 *et seq.).*

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 486 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex johrog il-kontenut minn fuq numru cellulari u sussegwentement il-Qorti kif diversament preseduta kienet estendiet l-inkarigu biex igib *call profile* minn ghand is-*service providers* u biex johrog *stills* minn fuq Dok. "DT" (*a fol.* 1085). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*a fol.* 488A ).

**Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 630 *et seq.*) fejn spjega li fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008 gie estiz l-inkarigu tieghu sabiex mir-relazzjoni li pproduca hu jaghmel analizi komparattiv *"bejn ezebiet li jidher, Dok. TV li huwa ritratt 07CIY113"* (*a fol.* 630). Jghid li gew mtella' l-ezebiti kollha u rrizulta li f'dawn l-ezebiti ma hemmx dan l-oggett u b'hekk ma setghax jaghmel l-inkarigu lilu moghti.

**Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2011 (*a fol.* 1083) fejn irritorna lura Dok. "DT" (*a fol.* 1085).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2008, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 550 *et seq.*) rigward l-inkarigu li gie moghti sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti tal-konjugi Agius elevati minnu u *finger prints* misjuba. Jghid li l-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni taz-zewg impronti kienu neqsin hafna u b'hekk ma setax isir l-ezami komparattiv bejn dawn l-impronti u l-*finger prints* misjuba. Ezebixxa r-relazzjoni redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "JM 3" (*a fol.* 552).

**Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' April 2009 (*a fol.* 697 *et seq.*) fejn ezebixxa relazzjoni ohra tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JM" (*a fol.* 699 *et seq.)*.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2008, xehed **Amante Farrugia** (*a fol.* 558 *et seq.*) fejn qal li jahdem fil-*Currency Surveillance Unit* tal-Bank Centrali ta' Malta fejn wara li nfetah *envelope* mmarkat KB 133/2008 qal li l-karta li ra fiha *security features* li huma neqsin, bhal ma huma l-*water mark*, u qal ukoll li jidher li ghandha *imitation* tas-*security features* pero mhix *security thread* genwina.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008, xehed **PS 602 Jonathan Attard** (*a fol.* 619 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JA" (*a fol.* 626 *et seq.*). PS 602 Attard kien gie nominat bhala Espert Ballistiku.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2009, xehed **PC 213 Nicolai Borg** (*a fol.* 738 *et seq.*) fejn qal li fl-10 ta' Novembru 2007 ghall-habta tal-11.00am, hu flimkien ma' membri ohra tad-*Drug Squad* ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Stiano Agius u Eleanor Agius. Jghid li meta bdew it-tfittxija, fil-mejda tal-kcina kien hemm kexxun li fih kien hemm pakkett b'tape kannella b'ammont sostanzjali ta' trab abjad suspettat kokajina. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Theuma u komplew jaghmlu tfittxija. Jixhed li nstab basket tal-karti b'ammont sostanzjali ta' flus liri Maltin. Jghid li nstab ukoll mizien elettroniku forma ta' mgharfa u goz-zibel instab xi *tape* kannella. Jghid li t-tfittxija tkompliet fuq fejn qal li nstab *safe* mohbi taht il-hogor tat-tieqa li kien fih ammont ta' flus u deheb u nstabet ukoll karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) suspettata li kienet falza.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2010, xehed **PS 1220 Chris Baldacchino** (*a fol.* 866 *et seq.*) fejn qal li fid-9 ta' Novembru 2007 kellu struzzjonijiet sabiex josserva r-residenza tal-konjugi Agius. Jghid li kien osserva lil Stiano Agius li kien qed isuq vettura bin-*number plate* MR BIG u li pparkja fejn ir-residenza tieghu li tinsab Santa Rita, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi. Jghid ftit tal-hin wara harget martu fejn hu ghaddielha pakkett. Jixhed li l-ghada 10 ta' Novembru kienu ghamlu tfittxija fir-residenza tal-konjugi Agius

fejn mill-kcina kien gie elevat pakkett suspettat li kien fih il-kokajina. Jghid li gew elevati xi *tape* kannella, ammont ta' flus u xi deheb. Jaghmel riferenza ghal filmat Dok. "DT" (*a fol.* 1085).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid kif kien il-pakkett li hu ra lil Stiano Agius jghaddi lil martu, jghid li jidhirlu li kien b'*tape* kannella li jorbtu l-kaxxi bih. Jghid li fuq il-filmat jidher sew.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2012, xehdet **WPC 122 Ruth Gauci** (*a fol.* 1121 *et seq.*) fejn qalet li Stiano Agius (I.D. Nru 418581(M)) ma kellu l-ebda armi registrati fuq ismu. Mistoqsija mill-Qorti jekk ghandux permess li jkollu armi fuq ismu, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, xehdet l-imputata **Eleanor Tracy Agius** minn jeddha u b'mod volontarju (*a fol.* 1167 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tad-9 ta' Novembru 2007 kienet tinsab id-dar li tinsab f'Hal-Qormi. Tghid li kienet bis-*sick leave* peress li kienet tahdem *full-time* il-Baxter u cemplilha zewgha Stiano (li tghid dak iz-zmien kien jahdem *part-time* jsuq transport filghodu u kien jinnegozja z-zwiemel u vetturi) fejn qalilha biex tohrog barra halli jaghtiha pakkett biex iddahhlu d-dar. Tixhed: *"Jien hrigt, newwilli l-pakkett, tfajtu fil-kcina u bhas-soltu dejjem ircevejna minn Ebay, jien ir-ragel tieghi obese, xtrajna hwejjeg ghalija xtrajna hwejjeg"* (*a fol.* 1167). Tghid li l-pakkett li ghaddielha zewgha, ghamlitu fil-kexxun tal-mejda fil-kcina u regghet marret tistrieh peress li kienet bis-*sick*. Tghid li ma tafx x'kien fih il-pakkett. Tispjega li s-*size* ta' zewgha huwa bejn 6XL ghal 7XL. Tghid li kien isib problema biex jixtri hwejjeg ghalih u li b'hekk kienu jixtru hafna affarijiet minn fuq *Ebay* (kemm ghalihom, u kif ukoll ghall-familja u ghall-hbieb) u b'hekk kienu jircievu hafna pakketti. Tispjega li dan jirrizulta mill-i*statements* tal-bank li gew ezebiti.

Tixhed li minn meta cemplilha zewgha sakemm wasal bil-pakkett, ghaddew biss ftit minuti. Tiddeskrivi l-pakkett bhala pakkett normali – tghidx li ma fethitux u li ma qaghditx tara x'kien fih u li peress li kien zewgha li ghaddiehula ma kellhiex ghalfejn toqghod tfittex minn warajh peress li kellha fiducja fih. Tghid li l-ghada fil-ghodu marret tas-Sliema f'liema hin daqqet l-*alarm* tad-dar u wara

xi hin cemplilha l-iSpettur Dennis Theuma u qalilha biex tmur id-dar. Tghid li meta marret id-dar sabet hafna nies ifittxu u giet infurmata li kienet instabet id-droga u li sa dak il-hin bdiet tahseb li kien ir-ragel taghha li kien qed jigi nvestigat. Tghid li giet mitluba tiftah is-*safe* li jinsab fuq, u dana peress li hi kellha c-cavetta, fethet is-*safe* fil-prezenza tal-iSpettur u ta' xi hadd iehor, f'liema *safe* nstabu xi flus, fl-ammont ta', bejn wiehed u iehor, Lm10,000-Lm15,000. Tghid li c-cavetta kienet ghandha u li kienet tpoggi l-flus hi li kien igib zewgha. Tixhed: *"Daqqa jbiegh xi ziemel, kien igib karti naghtu kaz bejgh ta' zwiemel u karozzi fi tlett ijiem jbieghhom, terga' tigi ohra u jerga' jpartatha. Jigifieri jien ghalija minn hemm kienu gejjin il-flus l-income kien gej"* (*a fol.* 1170). Tghid li kellha wkoll deheb tal-gara taghha Antonella Gatt peress li kienet refghatulha peress li kien hemm xi serqiet fl-inhawi, liema deheb tghid li gie rilaxxat u gie moghti lura lil Gatt. Tghid li fis-*safe* kien hemm ukoll xi deheb taghha u ta' zewgha.

Tispjega li d-dar taghha u ta' zewgha xtratha hi meta kienet xebba, u li hemm *loan* li jsejjah lilha, liema *loan* jithallas mill-paga taghha. Tghid li zewgha Stiano ammetta li l-affarijiet kienu tieghu u qed jiskonta sentenza ta' hdax-il sena habs.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domandi min kien igib il-pakketti tal-*Ebay* li ghamlet riferenza ghalihom fl-ezami taghha u jekk kienx normalment jehodhom il-pustier jew xi *delivery man* jew kinitx xi haga normali li jmur Stiano Agius, tistennieh fil-bieb u jghaddielha l-pakkett in kwistjoni, wiegbet: *"Le mhux spiss. Ma kienx igib pakketti spiss imma gie li kienu ma jsibuniex id-dar ghax jien kont nahdem, jhallulek il-karta d-dar u tmur tigborhom mill-posta"* (*a fol.* 1171). Ghad-domanda jekk il-pakkett in kwistjoni kienx gej mill-posta, tghid li ma tafx minn fejn kien gej. Ghall-kumment tal-Ufficjal Prosekutur li fuq ir-*wrapping* tal-pakkett ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi indirizz, wiegbet: *"Ifhem jekk biddillu r-wrapping jew ma bidillux jien ma nafx x'ghamel. Jien kif tah lili nista' nghid hux"* (*a fol.* 1171). Mistoqsija tghid ghala poggiet il-pakkett fil-kexxun tal-mejda fil-kcina u ma poggietux fuq il-*working-top* jew x'imkien iehor, wiegbet: *"Ghax l-affarijiet li kien jaghtini hu kont nitfaghhomlu hemm ghax dak il-kexxun huwa personali tieghu"* (*a fol.* 1171). Tghid li

zewgha Stiano gie li ta pakketti hu ma kinitx tkun taf x'ikun fihom. Ghad-domanda jekk kinitx tpoggiehom fil-kexxun tal-mejda, twiegeb fl-affermattiv u tghid li kienet tpoggiehom hemm meta Stiano kien jghidilha biex tpoggiehom hemm. Tghid li l-kexxun ma kienx jissakkar u li fih kien hemm xi karti, *cards*, u biros. Fir-rigward tal-mgharfa mizien elettroniku li gie elevat tghid li dan kien *gadget* li gabu minn fuq l-*Ebay*. Ghad-domanda jekk qattx innutat il-mizien elettroniku, tghid li hi kienet tuza l-mizien tad-dar u li ma kinitx tuza affarijiet minn gol-kexxun. Tghid: *"Ma kontx naf x'kien fih, kemm kont niftah u nitfa'"* (*a fol.* 1171). Fir-rigward tal-fatt li fl-ezami taghha qalet li zewgha Stiano kien jinnegozja fil-vetturi, tikkonferma li zewgha Stiano ma kellux licenzja ta' *dealer*. Ikkonfermat li l-vetturi BMW X5 u RAV 4 kienu registrati fuqha u li kienu bid-dejn. Ikkonfermat li hi kellha mpieg *full-time* u li hi kienet thallas il-*loan* tad-dar. Fir-rigward tal-flus li kien hemm fis-*safe* tghid li dawn ma gewx moghtija lilha minn zewgha kollha f'daqqa pero ftit ftit. Fir-rigward tal-flus l-ohra li nstabu fuq it-*table top* tal-kcina tghid li Stiano kellu jmur ihallas lil xi hadd u tghid: *"issa ghalxiex kienu jiena ma nafx, jien ma kontx ser insaqih lil min, kif, x'fatta. Qalli ha mmur inhallas heqq daqqa jhallas karozza, daqqa jhallas iz-zwiemel, ma nafx x'kien ihallas imma"* (*a fol.* 1173). Tghid li dakinhar kien l-unika darba li rat dak l-ammont li ser ihallas f'daqqa. Tghid li ma kinitx xi haga normali li zewgha Stiano kien ihalli flus fuq it-*table top* tal-kcina biex imur ihallas affarijiet ohra. Tghid li Stiano ma kienx ikollu flejjes kbar fuqu. Tghid li kienet taf bil-flejjes li kien hemm fuq ghax kien jaghtihomlha Stiano mentri dawk ta' isfel kienu tieghu. Imbaghad tghid li ma tafx ezatt ta' min kienu. Fir-rigward tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) falza tghid li din ma ntremietx ghax *"lil min ha tmur taghtiha"* (*a fol.* 1174). Fir-rigward tal-*bullets*, tghid li rathom u li ma tafx ghaliex zammhom pero tghid li ma tatx kaz ghax armi qatt ma rat. Ghad-domanda jekk Stiano staqsihiex fejn kienet ghamlet il-pakkett, wiegbet fin-negattiv u tghid li qaltlu li kien jinsab fil-kexxun. Tghid li ma ratu jaghmel xejn. Ma tafx jekk messx il-pakkett. Tghid li minn fuq l-*Ebay* jew minn *sites* ohra kienu jgibu minn kollox: hwejjeg, *covers* ta' *mobiles*. Tikkonferma li kienet tkun taf x'kien ser igib zewgha. Fir-rigward tal-pakkett in kwistjoni, tghid li ma kinitx taf x'kien fih pero tghid: *"ghax hu kien gie li jordna hwejjeg. Jien assumejt li jista'*

*jkun flokk ta' xi hadd, ghax hu kien jordna anke ghal nies obese bhalu u gie li kien ikun jien naf, ta' hbieb u hekk"* (*a fol.* 1176). Meta saritilha riferenza ghas-*size* tal-pakkett, tghid li mhux bilfors li zewgha kien ser igib hwejjeg.

Prosekuzzjoni: *"Mhux bilfors kont tkun taf x'ikun ha jgib li qed jordna Stiano"* (*a fol.* 1176).

Xhud: *"Le. Sa dak iz-zmien insejt jien x'ordna u ma ordnax. Ghax kienet naqra konna nhaddmuha ahna l-VISA u mill-Ebay u minn sites ohrajn"* (*a fol.* 1176).

In ri-ezami tghid li kienet tahdem tliet xiftijiet – mis-6.00am sas-2.00pm, mis-2.00pm sal-10.00pm, mill-10.00pm sas-6.00am.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2018, xehed **Stiano Agius** (*a fol.* 1188 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed minkejja li l-imputata hija martu. Jispjega li, in segwitu ta' ammissjoni tieghu, qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fir-rigward tal-kawza li kien hemm kontrih u kontra martu. Jghid li wehel hdax-il sena prigunerija. Jikkonferma li l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma kien qalu li kellu filmat. Jghid li dakinhar tad-9 ta' Novembru 2007 huwa kien cempel lil martu mill-*mobile* tieghu ghall-*mobile* taghha u qalilha: *"[O]hrog naqra ghax ghandi envelope biex naghtihulek biex iddahhlu gewwa"* (*a fol.* 1190). Jghid li kienet il-gurnata tal-Gimgha u li ta' quddiemu jaghti l-privat u ma kien hemm assolutament xejn fejn tipparkja. Jghid li taha l-pakkett u li fil-pakkett kien hemm id-droga. Jghid li ma kien tkellem ma' hadd dwar il-kontenut tal-pakkett. Jixhed li fiz-zmien in kwistjoni kien igib iz-zwiemel u jbiegh xi vetturi u kien jaghmel xoghol *part-time* bhala xufier. Jghid li martu kienet tahdem il-Baxter fuq bazi *full-time* bi tliet xiftijiet: mis-6.00am sas-2.00pm, mis-2.00pm sal-10.00pm u mill-10.00pm sas-6.00am. Jghid li dakinhar tal-akkadut l-imputata Eleanor Agius kienet id-dar bis-*sick leave*. Jghid li l-Pulizija sabu madwar Lm12,000 go *safe* u li martu kellha c-cavetta ta' dan is-*safe*. Mistoqsi jghid minn fejn gew dawn il-flus, wiegeb: *"Dawn kienu flus li nahdem bihom li ndahhal u nohrog in-negozju li kelli taz-zwiemel u tal-karozzi. Nahdem bihom hux"* (*a fol.* 1192). Jghid li kien joqghod fi Triq Spiteri Fremond Patri G., Qormi

u li l-proprjeta' in kwistjoni hija ta' martu l-imputata Eleanor peress li kienet xtratha qabel hu beda johrog maghha. Jghid li Eleanor kienet thallas il-*loan* fuq id-dar u l-*loan* kienet tinqata' mill-paga taghha. Jghid li fiz-zmien l-akkadut kien jixtri hafna minn *Ebay* u dana peress li f'Malta ma tantx kien hawn hwienet li jgibu s-*size* tieghu. Jghid li kien jghaddielha hafna pakketti lil martu. Jispjega li meta kien ser ikun ha jgib iz-zwiemel, l-ewwel ma jibghatulu kienu r-ritratti u r-*records* taz-zwiemel. Jghid li kien jigri l-istess haga fir-rigward tal-vetturi li kien igib. Jghid li kien jghaddi spiss jaghti xi pakkett lil martu biex ma joqghodx jinzel mill-vettura ghax parkegg ma kienx isib. Jispjega li llum huwa jizen 180 kilo u li dak iz-zmien kien jizen 235 kilo u peress li ma kienx isib jixtri hwejjeg *oversize* kien jordna hafna minn fuq l-*internet*. Jghid li kien jixtri hafna u li ma kienx jixtri biss hwejjeg pero kien jixtri hafna affarijiet ohra, fosthom *covers* tal-*mobiles*. Jghid li ma kienx jixtri ghalih biss pero' kien jixtri wkoll ghal hutu u ghall-hbieb tieghu. Jghid li l-pakkett in kwistjoni kien *envelope* kbir u jghid li kien madwar zewg piedi – zewg piedi u nofs. Mistoqsi rigward id-diskors li nghad bejnu u bejn martu meta hu ghaddielha l-pakkett in kwistjoni, wiegeb li kull ma ghamel kien kemm cemplilha biex tohrog, harget, qalilha biex tpoggieh fil-kexxun tieghu fejn ikollu l-karti u l-ircevuti u l-affarijiet tieghu. Jghid li l-kexxun tieghu huwa dak li kellu taht il-mejda tal-kcina. Jghid li meta mar id-dar sab il-pakkett fil-kexxun. Mistoqsi jghid ghala jirriferi ghall-kexxun bhala l-kexxun tieghu, wiegeb: *"Ghax kont nuzah jien biss l-affarijiet, il-karti tieghi, l-affarijiet li kont nuza jien, nghid jien ghal business u ghal kollox. Il-kexxun tieghi nghidlu jien"* (*a fol.* 1196). Jghid li kienu nstabu wkoll xi *bullets*. Jghid li dawn kienu tieghu u li kien wera lill-iSpettur kif kienu gew.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2018, xehed l-i**Spettur Kevin Pulis** (*a fol.* 1204) fejn ipprezenta fedina penali tal-imputata Eleanor Tracy Agius li giet immarkata bhala Dok. "X" (*a fol.* 1205).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-

imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazata fuq provi cirkostanzjali. Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja [...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati *a tempo vergine* tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, *stante* li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Stiano Agius, ir-ragel tal-imputata Eleanor Tracy Agius, kellu jircievi ammont sostanzjali ta' droga in segwitu ta'

liema informazzjoni saret osservazzjoni fuq ir-residenza tal-konjugi Agius f'Hal-Qormi. Jinghad li fid-9 ta' Novembru 2007 Stiano Agius gie osservat isuq vettura bin-*number plate* MR BIG, jieqaf hdejn ir-residenza tieghu u minn gol-vettura jaghti pakkett bhal *envelope* lill-martu Eleanor Tracy Agius u li minn tfittxija li saret l-ghada 10 ta' Novembru 2007 fir-residenza tal-konjugi Agius gew elevati diversi affarijiet, fosthom zewg boroz tal-plastik b'ammont ta' trab abjad allegatamant droga u kif ukoll ammont ta' flus kontanti madwar Lm31,000. Jirrizulta li, apparti li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' Stiano Agius, ittiehdu wkoll proceduri kriminali fil-konfront ta' martu l-imputata Eleanor Tracy Agius. Filwaqt li fil-konfront ta' Stiano Agius ma nhargitx il-Kontro-Ordni da parte tal-Avukat Generali, fil-konfront ta' Eleanor Tracy Agius inharget l-imsemmija Kontro-Ordni u b'hekk il-kaz kontra l-imsemmija Eleanor Tracy Agius qed jigi deciz mill-Qorti odjerna. Jirrizulta li Stiano Agius ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti Kriminali u wehel piena ta', fost l-ohrajn, hdax (11) il-sena prigunerija.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputata Eleanor Tracy Agius, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-stqarrijiet ta' Stiano Agius (Dok. "SA 1" – *a fol.* 24 *et seq.* u Dok. "SA 2" – *a fol.* 27 *et seq.*) u kif ukoll l-istqarrija ta' Eleanor Tracy Agius (Dok. "EA" – *a fol.* 29 *et seq.*) u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2007, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata Eleanor Tracy Agius. L-imputata Eleanor Tracy Agius tinsab akkuzata b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw, fost l-ohrajn, assocjazzjoni, pussess aggravat ta' droga u hasil ta' flus.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-konjugi Agius gew elevati, fost l-ohrajn, zewg boroz tal-plastik b'ammont ta' trab abjad, liema boroz kienu go kexxun taht mejda fil-kcina. Gew elevati wkoll bott trasparenti, munizzjon, *bullets* u mgharfa hamra mizien. Gew elevati wkoll: basket tal-karti mimli b'ammont konsiderevoli ta' flus minn gol-kcina, *wrapping* tal-plastik ta' *tape* kannella minn *dustbin* fil-kcina, ammont ta' flus iehor u deheb minn go *safe* li nstab fuq fid-dar, kif ukoll mizien iehor elettroniku li gie elevat minn fuq il-bank tal-kcina. Giet elevata wkoll karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) li rrizulta li kienet falza.

- Il-filmat Dok. "DT" (*a fol.* 1085) juri lil Stiano Agius go vettura jghaddi *envelope* kannella lil martu l-imputata Eleanor Tracy Agius. Jezistu wkoll *stills* ta' dan (*Vide* rapport immarkat bhala Dok. "MB" – *a fol.* 488A).

- Fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 52 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut irrizultalu li nstabet is-sustanza kokajina u li l-piz tat-trab kien dak ta' 1153 grammi. Fir-rapport l-iehor tieghu (Dok. "GS 1" – *a fol.* 871 *et seq.*), ix-Xjenzat Sammut jikkonkludi li l-valur tad-droga msemmija kien dak ta' €87,628.

- Da parte taghha, Eleanor Tracy Agius spjegat li ma kinitx taf x'kien fih il-pakkett li kien ghaddielha zewgha fil-gurnata ta' qabel. Hija tghid li wara li zewgha Stiano Agius newlilha l-pakkett, hija poggietu fil-kexxun fejn zewgha Stiano Agius kien ipoggi l-affarijiet. Tispjega li kienu jircievu hafna affarijiet li kienu jordnaw mill-*Ebay*. Kienet hi li fethet is-*safe* li kien hemm fid-dar fejn fih instabu ammont ta' flus.

- Stiano Agius jghid li fil-pakkett li jidher fil-filmat kien hemm id-droga u li hu ma kien tkellem ma' hadd dwar il-kontenut tal-imsemmi pakkett. Ikkonferma li kien jixtri hwejjeg minn *Ebay* minhabba li ma tantx kien hawn f'Malta li jgibu s-*size* tieghu.

**L-Ewwel (1), it-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni:**
Illi dawn it-tliet imputazzjonijiet jemergu mill-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, cioé Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *conspiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

> "Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erbgha u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi, fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 1209 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza ghall-fatt li l-kaz kontra l-imputata Eleanor Tracy Agius mhuwiex ibbazat fuq l-istqarrija taghha pero' fuq numru ta' provi cirkostanzjali li tghid li huma univoci u li juru bl-aktar mod car u rampanti li l-imputata Eleanor Tracy Agius kienet komplici u partecipi fl-agir illegali ta' zewgha Stiano Agius. Fil-kontro-ezami tieghu, l-Ufficjal Prosekutur Theuma jikkonferma li c-cirkostanzi li waslu biex ittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputata Eleanor Tracy Agius kienu l-filmat li juri lil Stiano Agius jghaddielha *envelope* kif ukoll il-flus li nstabu fid-dar: dawk li nstabu fil-kcina u dawk li nstabu fis-*safe* li jinsab fuq fid-dar tal-konjugi Agius.

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet legali fir-rigward ta' provi cirkostanzjali li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- L-imputata Eleanor Tracy Agius kienet ilha f'impieg *full-time* mal-Baxter sa mid-29 ta' Novembru 1994 (Dok. "PB" – *a fol.* 87). Da parte tieghu, Stiano Agius kien ilu f'impieg *part-time* bhala

xufier ma' certu Mario Muscat mill-5 ta' Settembru 2005 u qabel kien jahdem mit-12 ta' April 1999 sat-28 ta' Mejju 1999 ma' C&L Co. Limited. Jirrizulta li Stiano Agius ma kellu l-ebda impieg registrat mal-ETC bejn is-sena 1999 sal-5 ta' Settembru 2005 (Dok. "PB 1" – *a fol.* 88 *et seq.*).

- Kemm l-imputata Eleanor Tracy Agius u zewgha Stiano Agius jixhdu li fiz-zmien li gew mibdija l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom Stiano Agius kien jahdem bhala *xufier* fuq bazi *part-time* u li l-istess Stiano Agius kien jinnegozja z-zwiemel u l-vetturi. Da parte taghha, l-imputata Eleanor Tracy Agius tixhed rigward il-fatt li zewgha Stiano Agius kien jghidilha li kien ser ihallas xi vettura jew xi zwiemel.

- L-imputata kellha *loan* tad-dar residenzjali fuq isimha. Id-dar residenzjali tal-konjugi Agius hija taghha.

- Filwaqt li ma kien hemm l-ebda vettura registrata f'isem Stiano Agius, kien hemm zewg vetturi registrati f'isem l-imputata Eleanor Tracy Agius, liema zewg vetturi kienu RAV 4 u BMW X5. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Shazoo Ghaznavi (in rapprezentanza ta' *Premier Car Hire*) xehed li l-konjugi Agius kienu akkwistaw Toyota RAV 4 permezz ta' tpartit fejn *Premier Leasing* hadu zewg vetturi (Smart u Renault Megane).

- Filwaqt li Stiano Agius kien jircievi *unemployment assistance* ghal perjodu partikolari (Dok. "RB" - *a fol.* 92 *et seq.*), l-imputata Eleanor Tracy Agius ma kienet tircievi l-ebda beneficcji mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

- Ma kienx possibbli ghall-espert is-Sur Joseph Mallia li jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti tal-konjugi Agius elevati minnu u *finger prints* misjuba u dana *stante* li l-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni taz-zewg impronti kienu neqsin hafna (*Vide* rapport immarkat bhala Dok. "JM 3 – *a fol.* 552). F'rapport iehoripprezentat mis-Sur Joseph Mallia, is-Sur Mallia sab li l-ezami komparattiv kellu rizultat negattiv u

sab ukoll li certu impronti ohra kienu nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni (*Vide* rapport immarkat bhala Dok. "JM" – *a fol.* 699 *et seq.*).

- Mir-rapporti pprezentati minn Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn li jista' b'xi mod jinkrimina lill-imputata Eleanor Tracy Agius.

- Fid-depozizzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur Theuma jaghmel riferenza ghal: *"envelope tal-karti, kulur kannella fl-isfar li kellu xi tape mieghu u li kien jidher ppakkjat b'xi sustanza allegatament droga"* (*a fol.* 18). Anke fir-rapport li l-Ufficjal Prosekutur Theuma ghamel lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke meta nfethet l-Inkjesta Magisterjali jaghmel riferenza ghal: *"envelope kontenenti iktar minn kilogramma trab abjad allegatament droga kokajina"* (*a fol.* 296).

  Da parte taghhom:

  - PC 10 Trevor Cassar Mallia jaghmel riferenza ghal *"borza tal-plastik bi trab abjad"* (*a fol.* 72),

  - PC 1319 Matthew Xuereb jaghmel riferenza ghal *"zewg boroz tal-plastik trasparenti b'xi trab abjad"* (*a fol.* 320-321),

  - WPC 127 Carmen Gauci tirreferi ghal *"zewg boroz tal-plastik imdaqqsin mimlijien bi trab abjad"* (*a fol.* 323),

  - PC 213 Nicolai Borg jirreferi ghal *"pakkett b'tape kannella b'ammont sostanzjali ta' trab abjad"* (*a fol.* 738),

  - PS 1220 Chris Baldacchino jghid li fid-9 ta' Novembru 2007 ra lil Stiano Agius jghaddi *"pakkett"* lil martu Eleanor Tracy Agius (*a fol.* 867). PS 1220 jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-konjugi Agius fl-10 ta' Novembru 2007 *"gie elevat pakkett suspettat li kien fih il-kokajina"* (*a fol.* 867).

- Ix-Xjenzat Godwin Sammut jghid li gie moghti, fost l-ohrajn, *"borza tal-plastik trasparenti li kien fiha trab ta' lewn abjad"* (*a fol.* 49).

Minkejja l-fatt li gie elevat, fost l-ohrajn, *wrapping* tal-plastik ta' *tape* kannella minn *dustbin* tal-kcina, minkejja l-fatt li fil-kexxun fil-kcina tad-dar tal-konjugi Agius instabet il-kokajina, u minkejja l-fatt li Stiano Agius irrikonoxxa li fil-pakkett kien hemm id-droga (*a fol.* 1190), il-Qorti tistaqsi jekk dak li gie mghoddi lill-imputata Eleanor Tracy Agius minn zewgha Stiano Agius waqt li huwa kien fil-vettura kienx l-istess li nstab l-ghada meta saret it-tfittxija fid-dar tal-konjugi Agius! Il-Qorti tistaqsi wkoll: ghala ma saritx tfittxija dakinhar stess li Stiano Agius ghadda l-*envelope* li jidher fil-filmat Dok. "DT" (*a fol.* 1085) lill-martu l-imputata Eleanor Tracy Agius?

- Filwaqt li l-Qorti semghet li l-konjugi Agius kienu jircievu diversi pakketti minn barra minn Malta, l-imputata Eleanor Tracy Agius xehdet li zewgha Stiano Agius gie li kien taha pakketti li hi ma kinitx taf x'kien ikun fihom. Da parte tieghu, Stiano Agius xehed li kien jghaddi hafna pakketti lil martu tant li jghid li apparti hwejjeg, kien jircievi *records* ta' zwiemel li kien ikun interessat li jgib.

- Kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument BISS, il-Qorti kienet tkun certa li l-*envelope* moghti minn Stiano Agius lil martu Eleanor Tracy Agius kellu l-kontenut ta' dak misjub mill-Pulizija l-ghada li ngibed il-filmat immarkat bhala Dok. "DT" (*a fol.* 1085), mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputata Eleanor Tracy Agius kellha l-kontroll u x-xjenza tal-kontenut tal-*envelope* in kwistjoni.

- Filwaqt li l-imputata Eleanor Tracy Agius ma kinitx familjari mal-Pulizija, zewgha Stiano Agius kien familjari mal-Pulizija. Jinghad ukoll li l-imputata Eleanor Tracy Agius kellha u ghad ghandha fedina penali kompletament nadifa. Dan jirrizulta mill-fedina penali taghha ezebita fil-bidu tal-proceduri (Dok.

"DT 3" – *a fol.* 8) u kif ukoll minn dik ezebita lejn l-ahhar tal-proceduri (Dok. "X" – *a fol.* 1205).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie deciz fis-27 ta' April 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Stagno Navarro** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina u jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza pparkjata registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tax-*scienter*, cioé li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga u cioé meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija."

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi *common design* bejn l-imputata Eleanor Tracy Agius u zewgha Stiano Agius u ma tezisti l-ebda assocjazzjoni kif qed tigi akkuzata bih l-imputata Eleanor Tracy Agius taht l-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti ma jirrizultalhiex lanqas sodisfacentement pruvat li l-imputata Eleanor Tracy Agius kienet b'xi mod taf b'dak li kien hemm u li gie elevat mill-kexxun fil-kcina. Ma jirrizulta lanqas minn imkien li l-imputata Eleanor Tracy Agius kienet b'xi mod taf jew kellha suspett li l-flus fid-dar kienu gew miksuba jew ricevuti direttament jew indirettament bhala rizultat tal-ghemil ta' reat hekk kif akkuzata taht it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha. Il-Qorti ma jirrizultalha xejn fl-atti processwali li b'xi mod jista' jwassalha sabiex issib htija fl-imputata Eleanor Tracy Agius fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghha u ghaldaqstant l-imputata Eleanor Tracy Agius ser tigi liberata mill-imsemmija imputazzjonijiet.

__**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**__**:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputata Eleanor Tracy Agius qed tigi akkuzata li ghamlet atti ta' *money laundering*.

Illi r-reat ta' *money laundering* huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi impossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjenza tal-flus.

Illi kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi mhuwiex wiehed kapriccjuz u kif qalet il-Qorti Kriminali fid-29 ta' Novembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Vella**:

> "din hi ligi straordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar

> skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi strument ta' ingustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem".

Illi l-Qorti ghandha zzomm f'mohhha li s-suggett tal-hasil ta' flus ghadda minn hafna zviluppi tul is-snin sal-gurnata tal-lum fis-sens li certu elementi tar-reat li riedet tipprova l-Prosekuzzjoni meta ntavolat l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-konjugi Agius fit-12 ta' Novembru 2007 sabiex jissussisti r-reat ta' hasil ta' flus huma differenti minn dawk li trid tipprova l-Prosekuzzjoni llum il-gurnata.

Illi l-Att kontra l-*Money Laundering* sar parti mil-ligi taghna fit-23 ta' Settembru 1994. Wara dana kien hemm diversi emendi fil-ligi, bl-emendi ewlenin jigu fis-sehh bl-Att XXXI tal-2007 u l-Att VII tal-2010. Dawn l-emendi huma sinjifikanti fis-sens illi filwaqt illi fit-12 ta' Novembru 2007 l-persuna suspettata trid ikollha ix-xjenza illi l-flus jew proprjeta' tkun gejja minn attivita' kriminali, permezz ta' Att XXXI tal-2007 li gie mghoddi fil-31 ta' Dicembru 2007 huwa bizzejjed illi l-persuna suspettata jkollu s-suspett ta' tali provenjenza kriminuza sabiex tkun tista' tinstab htija. *Inoltre ai fini* ta' Prosekuzzjoni tar-reat l-emenda li dahhlet fis-sehh fl-2010 ghall-Artikolu 2(2)(a) tal-Att, il-Prosekuzjoni mhux biss ma tenhtigilhiex tipprova illi kien hemm il-kundanna ghar-reat sottostanti illi lanqas jinhtiegilha tipprova bil-preciz liema hija l-attivita' kriminali sottostanti.

Illi fil-prosekuzzjoni tar-reat tal-hasil tal-flus jew kif inhu ahjar maghruf il-*money laundering*, irid jigi ippruvat indubbjament u b'mod inekwivoku in-ness bejn ir-reat sottostanti (*the predicate offence*) u cioé wiehed mir-reati ikkontemplati fl-Ewwel jew it-Tieni Skeda annessi ma' l-Att, u r-reat in dizamina. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Vella** msemmija aktar il-fuq, il-Qorti stqarret illi:

"...hu impellanti u necessarju illi jigi deskritt b'mod inekwivoku n-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti u l-allegat *money laundering*".

Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, l-ewwel element tar-reat ta' hasil ta' flus li l-Prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali huwa l-<u>ezistenza ta' reat sottostanti</u>. Ghandu jkun hemm l-<u>element materjali</u>, ossia konverzjoni jew trasferiment ta' proprjeta' u kif ukoll l-<u>element formali</u> u cioé ix-xjenza, u mhux biss suspett kif tirrikjedi l-ligi llum. Ovvjament, il-Qorti hija marbuta bil-ligi kif kienet dak iz-zmien u b'hekk, fil-kawza odjerna, suspett ma huwiex bizzejjed.

Illi meta l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, b'mod partikolari ghall-fatt li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat li l-imputata Eleanor Tracy Agius kienet taf x'kien fih il-pakkett li gie mghoddi lilha minn zewgha Stiano Agius, u kif ukoll ghall-fatt li hija kellha impieg *full-time* u kellha wkoll *loan* fuq id-dar li kienet taghha biss, minkejja li fid-dar residenzjali tal-konjugi Agius nstabu ammont konsiderevoli ta' flus (madwar Lm31,000) u minkejja li l-imputata Eleanor Tracy Agius kellha c-cavetta tas-*safe*, il-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-element tax-xjenza da parti tal-imputata Eleanor Tracy Agius u cioé li kienet taf li l-flejjes li kien hemm kienu provenjenti direttament jew indirettament minn attivita' kriminali. Applikata l-ligi kif kienet *in vigore* dakinhar li nbdew il-proceduri kriminali fil-konfront tal-konjugi Agius, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputata Agius kienet b'xi mod taf li l-flejjes inkisbu minn attivita' jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ma jirrizultalhiex dak li l-imputata Agius qed tigi akkuzata bih fir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha.

Illi kif inghad fis-sentenza hawn fuq citata **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Vella**:

"<u>Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghall-*money*</u>

*laundering*, anki jekk l-akkuzat ikun kriminal inkallit". [emfazi mizjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti setghet BISS tispekula dwar jekk l-imputata Agius kellhiex xi involviment f'dak li hija giet akkuzata bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputata Agius hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata Eleanor Tracy Agius ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Eleanor Tracy Agius hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru u fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputata Agius giet liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**